## QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 11 ta' April, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvonne Farrugia)**

**vs.**

**Marcel Cutajar u**
**Stephen Casaletto**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Marcel Cutajar ta' 43 sena, bin Joseph Paul u Rose Mary nee' Mallia, imwieled Floriana, fl-10 ta' Settembru 1965, residenti f'7, Triq il-Hannewija, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 492265(M); u

Stephen Casaletto ta' 38 sena, bin John u Christine nee' Oakley, imwieled Pieta', fl-1 ta' Jannar 1970, residenti fi 311, Oberon, Triq il-Bwieraq, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 27670(M).

Akkuzati talli:

F'dawn il-Gzejjer, fil-11 ta' Settembru 2008 jew fil-jiem ta' qabel, in rapprezentanza tas-socjeta' CC Training Limited, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom innifishom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali u nnutat li l-imputati ddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali huma s-segwenti:

1. L-imputati huma diretturi tas-socjeta CC Training Limited li fil-5 ta' Marzu 2007 giet awtorizzata mill-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex tiggestixxi *Tuition Centre* taht l-isem kummercjali *Key Training Services* mill-fond 3, Melfar Buildings, C. De Brockdorff Street, Msida.[1]
2. *Key Training Services* kienu joffru taghlim lill-pubbliku dwar it-teknologija tal-informatika.

[1] Ara fol. 39 tal-process.

3. F'dawk iz-zminijiet kien hemm domanda qawwija ghal korsijiet tal-*Information Computing Techology* (ICT) ghand il-Malta College for Arts, Science and Techonology (MCAST), li kienet tezorbita l-volum ta' studenti li setghet takkomoda fil-campus taghha, l-MCAST kienet tingagga Private Training Providers, sabiex joffru servizz ta' ICT ghan-nom u taht id-direzzjoni tal-istess MCAST.
4. Fis-26 ta' Awwissu 2008, id-Dipartiment tal-Kuntratti hareg tlett tenders bin-numri CT2401/2008, CT 2402/2008 u CT 2403/2008 ghal *"Service Tender for the Provision of ICT Training Programmes on behalf of MCAST".* Kull tender kien ghal servizz ta' kors tal-ICT differenti, pero l-kundizzjonijiet tat-tlett tenders, li jikkoncernaw dawn il-proceduri, kienu identici. Id-data tal-eghluq ta' dawn it-tenders kienet il-11 ta' Settembru 2008. Skond Francis Attard, id-Direttur tal-Kuntratti, billi kien hemm certa urgenza biex jintghazlu l-kuntratturi, t-tenders ma gewx ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern, imma gew mistiedna dawk il-kuntratturi li kellhom licenzja valida biex jaghmlu dawn it-tip ta' korsijiet, sabiex jekk huma interessati jitfghu l-offerta taghhom.[2]
5. Is-socjeta CCT Training Limited tefghet l-offerta taghha ghat-tlett tenders. Kien hemm erba' bidders ghal zewg tenders minnhom, u hames bidders ghat-tender l-iehor.
6. Fost affarijiet ohra, l-imputati bhala diretturi ta' CCT Training Limited, iddikjaraw fl-offerta taghhom li l-fond taghhom kien accessibbli ghal persuni b'dizabilita u li l-fond taghhom ghandu *"5 PC Labs u 2 Lecture style labs".*
7. Fir-rakkomandazzjoni tieghu, li ma ggibx data, l-Adjudication Board irrakomanda li l-entitajiet kollha li tefghu l-offerta taghhhom jilhqu l-kriterji stabbiliti fit-tlett tenders, u rrakkomandaw li jiehdu l-kuntratt, pero rrakkomandaw li jkun hemm distribuzzjoni proprozjonata tal-istudenti bejn dawn l-entitajiet,[3] kif effettivament sar.
8. Fl-1 ta' Ottubru 2008, sar rapport lill-Pulizija dwar diversi allegati irregolaritajiet kemm dwar ic-Chairman tas-Selection Committee, il-metodi uzati biex jigu ipprocessati l-offerti, u li uhud mill-kumpaniji li tefghu l-offerti taghhom ma kellhomx ir-rekwiziti mehtiega skond it-tender. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur mhux car jekk dan ir-rapport sarx waqt l-ipprocessar tal-offerti, jew wara li l-offerti

[2] Ara fol. 53 tal-process.
[3] Ara Dok FA7 a fol 64 tal-process, u x-xhieda ta' Francis Attard a fol. 51 *et seq.* tal-process.

gew aggudikati,[4] pero l-imputat Steve Casaletto xehed li l-investigazzjoni tal-Pulizija saret qabel saret l-adjudication.[5]

9. Minn investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija, ikkonkludew li l-fond uzat mis-socjeta CC Training Limited ma kienx accessibli ghal persuni b'dizabilita, ghax minn spezzjoni li ghamlet il-Pulizija fit-22 t'Ottubru 2008,[6] biex tidhol ghal bieb principali kien hemm tlett turgien ta' 17cm gholjin il-wahda. Wara li titla' dawn it-tlett targiet kien hemm lift li jipprovdi access ghall-klassijiet li qeghdin fl-ewwel sular.
10. Inoltre, skond il-Prosekuzzjoni mill-investigazzjoni irrizulta li waqt li fit-tenders, is-socjeta CC Training Limited kienet iddikjarat li ghandha *"5 PC Labs u 2 Lecture style labs"* koperti bil-permess validu tal-MEPA, fil-fond uzat minnhom ghandhom biss tlett (3) PC Labs u lecture room.
11. Ghal dawn ir-ragunijiet, gew istitwiti dawn il-proceduri kriminali kontra l-imputati.

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

*<u>Kwistjoni Preliminari – L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputati</u>*

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thossha obbligata li tiskarta l-istqarrijiet tal-imputati, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

*<u>Il-Meritu</u>*

L-allegazzjoni tal-Prosekuzjoni hija li bhala diretturi tas-socjeta CC Training Limited fl-offerti taghhom fuq imsemmija, l-imputati ghamlu zewg dikjarazzjonijiet foloz lill-Awtorita pubblika:

---

[44] Ara fol. 21 tal-process.
[5] Ara fol. 215 tal-process.
[6] Ara fol. 75 tal-process.

1. Iddikjaraw li l-fond taghhom kien accessibbli ghal persuni b'dizabilita, meta effettivament ma kienx.
2. Iddikjaraw li kellhom u setghu jipprovdu numru ta' PC labs u lecture rooms, iktar milli fil-fatt legalment setghu jaghmlu u kellhom.

Fix-xhieda tieghu l-imputat ammetta li huma kienu jafu li minflok it-tlett targiet fl-entratura tal-fond in kwistjoni, kellha ssir rampa biex il-fond ikun accessibbli ghal persuni b'disabilita. Pero din kienet l-ewwel darba li fit-tender l-MCAST talbu li jkun hemm accessibilita ghal persuni b'dizabilita, u peress li l-perjodu biex jissottomettu l-offerta kien qasir ma kellhomx hin li jaghmlu r-rampa qabel tefghu l-offerta. Huwa qal li ghamlu r-rampa skond il-permess tal-MEPA wara li saret l-adjudication izda qabel beda l-kors li gie allokat lilhom bit-tender. Din ix-xhieda tal-imputat Casaletto ma giet bl-ebda mod kontradetta, u ma ngiebet l-ebda prova mill-Prosekuzzjoni li din ir-rampa mhix konformi mal-linjigwida mahruga mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Disabilita tal-2006.

Mix-xhieda tal-imputat Casaletto jirrizulta car li meta giet sottomessa l-offerta, huma legalment ghamlu dikjarazzjoni falza, ghax f'dak l-istadju Casaletto stess ammetta fix-xhieda tieghu li kien ghad jonqoshom jaghmlu r-rampa, ghalkemm kellhom il-permess tal-MEPA biex jaghmluha. Kien ikun aktar prudenti ghall-imputati li kieku fl-offerta iddikjaraw li kien ghad jonqoshom jaghmlu rampa, u jobbligaw ruhhom li jaghmluha sa ma jibdew il-korsijiet.

B'digriet tat-3 ta' Mejju 2013, din il-Qorti innominat lil Perit Richard Aquilina bhala espert sabiex jirrapporta dwar l-accessibilita o meno ta' persuni b'dizabilita fil-fond in kwistjoni, kif ukoll li jiehu r-ritratti opportuni. Fir-rapport tieghu, l-espert jaghmel riferenza ghad-dokument *Access for All (Design Guidelines)* 2006 mahrug mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita, kif ukoll ghat-*Time Saver Standards,* li hu ktieb ippublikat fl-Istati Uniti tal-Amerika dwar l-ippjanar strutturali, *l-interior design,* rekwiziti tal-ippjanar, u linjigwida teknikci.

Mill-konstatazzjonijiet li ghamel, il-Perit Richard Aquilina wasal ghal konkluzjoni li l-bieb principali tal-flat, cioe tal-iskola u s-shower/W.C. huma konformi mal-minimu rikjest fid-dokument *Access for All (Design Guidelines).*

Pero rigward il-lift huwa qal hekk: *"Il-bieb tal-Lift hu wiesgha sitta u sittin centimetru (66cm). Skond l-"Access for All – Design Guidelines 2006" dan ghandu jkun wiesgha disghin centimetru (90cm), izda l-wisa' ta' wheelchair skond it-"Time Saver Standards" huwa ta' erba' u sittin centimetru (64cm.) Il-kabina tal-Lift hi disa' u disghin centimetru b'metru mija u hamsa u erbghin centimetru (99cm x 1145cm). Din hi qrib sew ghal metru b'metru mitejn u hamsin centimetru (1.00m x 1.250m) rikjesti fl-Access for All – Design Guidelines 2006".*

Minkejja li skond it-*Time Saver Standards* wisgha ta' wheelchair huwa ta' 64cm, u l-bieb tal-lift huwa ta' 66cm, anki minghajr il-Guidelines tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita, din il-Qorti kienet tasal ghal konkluzjoni li spazju ta' 2cm zejda certament mhux sufficjenti biex wiehed ragonevolment jista' jghid persuna f'wheelchair tista' tidhol fil-lift komodament. Tenut kont li din il-Kummissjoni giet kostitwita in forza tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Dizabilita) (Kapitolu 413 tal-Ligijiet ta' Malta) u fost il-funzjonijiet taghha hemm dik li tidentifika l-htigijiet ta' persuni b'disabilita, din il-Qorti ma ghandha l-ebda ezitazzjoni li tghid, li huma l-linjigwida ta' din l-Kummissjoni li ghandhom jigu osservati. Mill-kostatazzjonijiet tal-Perit Aquilina huwa evidenti li l-lift – specjalment il-wisgha tal-bieb tieghu – ma jissodisfax ir-rekwiziti ta' dawn il-linjigwida.

Ghaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi li anke rigward il-lift, l-imputati ghamlu dikjarazzjoni falza.

Rigward id-dikjarazzjoni tal-imputati fl-offerta taghhom tan-numru ta' klassijiet li kellhom disponibbli ghat-taghlim, jidher ukoll li hemm kunfuzjoni. Fl-offerta huma iddikjaraw li kellhom disponibbli *"5PC labs u 2 Lecture Style Labs"* PS 474 Norbert Said, li ghamel l-ispezzjoni tal-fond fit-22 t'Ottubru 2008, xehed li fil-flat in kwistjoni kien hemm erba' klassijiet fejn tlieta minnhom kienu bil-computer u wahda bis-siggijiet. Fis-sular ta' fuqhom kien hemm appartamenti 11 u 12, fejn l-imputati kellhom iktar klassijiet. Kien minhabba din id-diskrepanza, li nharget ukoll l-imputazzjoni in kwistjoni.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat Casaletto qal li minhabba l-fatt li l-MCAST kienet tqassam l-istudenti skond l-ammont ta' studenti li skola partikolari ghandha capacity, *"so ahna li ghamilna peress li obviously is-sena ta' qabel konna ktibna biss il-klassijiet li qed nuzaw, din id-darba jiena ktibt il-kmamar kollha li kellna* (go l-appartamenti) *three u four."* Fil-verita l-

appartamenti numru 3 u 4 imniffda, u allura l-imputati jirreferu ghalihom bhala n-numru 3 biss. Huwa jkompli jghid hekk: *"Issa ahna konna nuzaw regolarment tlieta minn dawn il-kmamar bhala klassijiet imma ovvjament jiena stajt nuza eight, nine rooms kollha bhala klassijiet."*[7]

Pero dan li qed jargumenta l-imputat Casaletto mhux legalment korrett. Ghalkemm huwa vera li l-appartamenti tlieta u erba' flimkien fihom seba' (7) kmamar, u ghalhekk teknikament setghu juzaw hamsa (5) bhala PC labs u tnejn (2) bhala lecture rooms, kif iddikjaraw fl-offerta taghhom, dan legalment setghu jaghmluh biss, kemm-il darba jkollhom il-permess mill-MEPA sabiex dawn il-kmamar jintuzaw ghal dan il-fini, wiehed mir-rekwiziti tat-tender kien li jkollhom *"Valid MEPA permit for purposes of tuition."*

Issa bil-permess tal-MEPA numru 5902/02, approvat fis-17 ta' Frar 2006, jirrizulta mill-appartamenti 3 u 4 hemm biss zewg kmamar li kienu jintuzaw bhala computer labs u li ntalab u gie approvat li jintuzaw bhala klassijiet. Imbaghad hemm hamest (5) ikmamar li huma indikati bhala ufficini, zewg kmamar bhala kitchenettes, u zewg kmamar ohra bhala W.C.[8] Ghalhekk jirrizulta li l-imputati kienu koperti b'permess tal-MEPA biex juzaw zewgt ikmamar biss ghat-taghlim tal-ICT.

Mis-suespost huwa evidenti, li anke fid-dikjarazzjoni tal-kmamar disponibbli ghat-taghlim kienet wahda falza.

Jirrizulta sodisfacentement ippruvat, li l-imputati ghamlu din id-dikjarazzjoni bl-intenzjoni li s-socjeta taghhom tidher elegibbli biex tiehu t-tender, u jigu allokati kemm jista' jkun studenti. Ghaldaqstant, gie debitament ippruvat li l-imputati ghamlu dawn d-dikjarazzjonijiet foloz sabiex jiksbu vantagg jew beneficcju ghalihom infushom u/jew ghas-socjeta taghhom.

Ghalkemm l-imputazzjoni kontra l-imputati giet debitament ippruvata, hemm fatt li halla lil din il-Qorti perplessa – u dan hu li minkejja li fl-opinjoni ta' din il-Qorti kienet il-funzjoni tal-Adjudication Board li jivverifika – inkluz li jaghmlu spezzjoni tal-post tat-taghlim - li l-entitajiet li ssottomettew l-offerti jissodisfaw ir-rekwiziti tat-tender, huma abdikaw minn dan

---

[7] Ara fol. 210 tal-process.

[8] Ara pjanta ezebita a fol. 176 tal-process, u x-xhieda ta' Oliver Magro u d-dokumenti minnu ezebiti a fol. 170 *et seq.* tal-process.

id-dover taghhom skond il-ligi, u l-membri kollha xehdu li huma strahu fuq dak li qalu l-entitajiet fl-offerti taghhom, minghajr verifiki ta' xejn.

Addirittura Raymond Mangion xehed li huwa kien project manager tas-socjeta tal-imputat is-sena ta' qabel, li fiha din is-socjeta kienet ukoll giet allokata studenti mill-MCAST biex tghallimhom – jigifieri kien imqabbad mill-MCAST biex jaghmel spezzjonijiet regolari sabiex jivverifika li s-socjeta tal-imputati kienet qed tghallem skond ir-regolamenti tal-MCAST. Fl-ipprocessar tal-offerti huwa kien wiehed mill-membri tal-Adjudication Board, u issolleva diversi kwistjonijiet fil-konfront tal-entitajiet li ssottomettew l-offerti, fosthom is-socjeta in kwistjoni, li kif inghad topera bl-isem kummercjali Key Training Services.

F'email li baghat lil Juan Borg Manduca, ic-Chairman tal-Adjudicating Board, fit-18 ta' Settembru 2008, huwa qallu hekk:

*"... ... What has been concerning me are: ... ...*

- *Key Services, have issued a MEPA Certificate upon request, but my worry is that he cannot accomodate the number of students he applied for in his present premises. I have queried this with Mr. Caselletto and he told me he has other rooms to accomodate all. I have been there and there is no room for more students. I suspect that he will use other premises without the approval of MEPA. This needs to be monitored.*
- *Disability access: I don't know about STC, but even though there are documents in the tender confirming all have access, all the PTPs*[9] *we worked with last year don't have access; so I don't know how they were approved. ... ..."*

Ir-risposta ta' Juan Borg Manduca kienet is-segwenti:

*"Ray,*

*I am copying all members since this concerns us all.*

*My comments as follows:*

... ...

*2.Key Services. My opinion is that we go strictly by the terms of the tender. We cannot look into detail of whether he has enough space. If he has put it in writing that he can accomodate*

[9] Private Training Providers – entitajiet li jigu allokati studenti biex jghallmuhom suggett – fil-kaz odjern ICT - skond ir-regolamenti tal-MCAST.

*x students, then the bidder has placed a Euro 6000 bid bond to support it. Therefore, he submitted a valid MEPA permit and bitted for x students, then the board must go with this. Whether he can or cannot accomotate all students is to be seen after the adjudication. For all we know, when we get to student allocation, he may only be allocated 20-30 percent of this.*
*3. We must go by the terms of the tender. If the tender asked for a statement, and the bidder provided the statement, then the board should go by this. It is not our remit to visit each site.”*[10]

Din il-Qorti certament ma tistax tifhem il-logika wara dawn l-istruzzjonijiet. L-Adjudicating Board gie maghzul minn persuni intizi fl-ICT, kif jigi mghallem l-MCAST in partikolari. Huma kienu n-nies specjalizzati fil-qasam li kien id-dover taghhom li janalizzaw l-offerti sottomessi, u jinvestigaw dak li inghad fihom. Bil-mod kif ic-Chairman tal-Bord ordna lill-membri kif ghandhom jinterpretaw ir-rwol taghhom, innewtralizza l-funzjoni u l-ispecjalizazzjoni tal-Bord, u rrendih semplici *rubber stamp* ta’ dak li qalu l-entitajiet fl-offerta taghhom – imbaghad jekk jirrizulta li dak li qalet entita fl-offerta taghha ma kienx minnu, jarah min ghandu l-kompitu li jarah wara l-aggudikazzjoni, ghax wara kollox l-entita iggarantiet dak li qalet bil-bid bond ta’ Eur6000, u jekk jirrizulta li qalet il-falz titlef il-bid bond. L-iskop kollu li l-offerti jghaddu mill-iskrutinju tal-Bord specjalizzat hu appuntu biex l-aggudikazzjoni issir kemm jista’ jkun tajjeb, biex ma jinqalghux problemi wara – iktar u iktar f’dan il-kaz, meta s-servizzi li ghalih inhargu t-tenders kien mehtieg b’mod urgenti.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Rigward piena, il-Qorti ikkunsidrat li meta kkommettew ir-reat, l-imputati kellhom fedina penali netta, u mill-fedina penali aggornata taghhom jirrizulta li huma instabu hatja t-tnejn ta’ reat wiehed, dak li bhala diretturi tas-socjeta kummercjali naqqsu li jhallsu l-paga lill-ex-impjegat tal-istess socjeta.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-mod ta’ kif l-Adjudicating Board ghazel li ma jaqdix id-doveri tieghu, u kieku ghamel l-investigazzjonijiet li kellu jaghmel, huwa probabbli hafna li dawn il-proceduri kriminali qatt ma kienu jigu istitwiti. Minkejja li l-Board kien gie infurmat

[10] Ara Dok RM a fol. 114 tal-process.

minghand wiehed mill-membri Raymond Mangion, li kien hemm suspetti serji li s-socjeta tal-imputati ma kinietx tissodisfa r-rekwiziti kollha tat-tender, huma ghazlu li joqghodu b'ghajnejhom maghluqa fuq dak li qalu l-imputati, u fil-fatt irrakkomandaw li kienu jikkwalifikaw biex jinghataw it-tender, u jigu allokati l-istudenti.

Irrizulta wkoll li l-imputati ghamlu r-rampa qabel bdew il-korsijiet in kwistjoni, u ma saret l-ebda allegazzjoni li din ir-rampa ma saritx skond il-linjigwida mahruga mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li minkejja li ma kienux jissodisfaw uhud mir-rekwiziti rikjesti fit-tender, mill-provi jirrizulta li l-imputati wettqu x-xoghol moghti lilhom b'mod sodisfacenti u thallsu. Jirrizulta li l-MCAST qatt ma gibditilhom l-attenzjoni li kien hemm problemi li l-imputati ma setghux iwettqu x-xoghol taghhom ghax ma kellhomx bizzejjed klassijiet jew kien hemm xi problemi bl-accessibilita,[11] ghalkemm huwa veru wkoll li l-imputat Steve Casaletto xehed li hadd mill-istudenti allokati lilhom ma kellu dizabilita.[12]

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni dedotta kontrihom, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hatja jhallsu *in solidum* l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-espert skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mija u tnejn u hamsin Euro u seba' u tletin centezmu (€152.37), li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b'dan li jekk il-hatja jonqsu li jhallsu dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilhom preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

---

[11] Ara xhieda ta' Peter Camilleri a fol. 125 tal-process.
[12] Fol. 213 tal-process.

Ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputati l-portata ta' din is-sentenza.

**Robert Bugeja**

**Magistrat** **Deputat Registratur**